MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR.
## MIZZI ANTONIO LL.D.

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Numru 914/2002

Il-Pulizija
(Sp Raymond D'Anastas)
vs
Joseph Long, iben Henry, imwieled
Pieta' fl-10 ta' mejju, 1973

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-lejl ta' bejn is-17 ta' awissu, 2002 u it-18 ta' awissu, 2002 ġewwa
Ħaż-Żebbuġ, volontarjament ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Nathalie Long u dan skond kif iċċertifika t-Tabib Dr. Stephen Musvat M.D. ta' l-Isptar San Luqa;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebb għall-imsemmija Nathalie Long sabiex jinġurjha, idejjaqha jew jagħmillha ħsara;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi u/jew ukoll fi żminijiet ta' qabel inġurja u/jew hedded lil martu Nathalie Long.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' tal-imsemmija Nathalie Long u il-familja tagħha u dan skond kif hemm maħsub fl-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi ma ġiet prodotta ebda prova li titfa xi ħtija fuq l-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.